MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 352/2006

**Alfred Spiteri u martu Rena Spiteri**

**vs**

**Joseph Cutajar u Stefan Cutajar ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Alfred Spiteri u Rena Spiteri li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

In forzi ta' skrittura privata datata 30 ta' Marzu 2006, ir-rikorrenti taw b'titolu ta' kera lill-intimat Joseph Cutajar, li accetta, l-uzu tal-vettura tal-marka Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni LTY 194, u dan versu l-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati.

Madwar gimaghtejn wara illi gie konkluz dan il-ftehim, l-intimat Stefan Cutajar, li kien awtorizzat mill-intimat sabiex isuq din il-vettura, habat bil-vettura in kwistjoni, bil-konsegwenza illi din il-vettura giet dikjarata *beyond economical repair*, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk din il-vettura ma tistax tintuza u lanqas m'hu qed jigi osservat mill-intimati l-ftehim riportat fl-iskrittura.

Ghalhekk l-esponenti qed isofri danni konsistenti fit-telf ta' uzu ta' din il-vettura, u l-valur tal-vettura stante illi l-hsara li garrbet hija irreparabbli, oltre danni ohra li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalkemm l-intimati gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas ta' danni, huma baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, responsabbli ghal hsarat li garrbet il-vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni LTY 194, proprjetà tar-rikorrenti, liema hsarat gew ikkawzati meta din il-vettura kienet fil-pussess tal-intimati in forza ta' ftehim datat 30 ta' Marzu 2006.

2. Tiddikjara illi l-intimati, jew min minnhom, mhux qed josservaw il-ftehim riportat fl-iskrittura datata 30 ta' Marzu 2006 dwar il-hlas ta' kera.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-intimati, konsistenti fil-valur tal-vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni LTY 194, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, kif ukoll it-telf ta' uzu ta' din il-vettura, u danni ohra ancillari ghat-telf ta' uzu tal-vettura.

4. Tillikwida l-kera dovuta mill-intimati ai termini tal-ftehim datat 30 ta' Marzu 2006.

5. Tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta�much qbid numru 572/06 u mandat ta' inibizzjoni numru 571/06, u bl-imghax legali mid-data tal-prezenti, kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph Cutajar u Stefan Cutajar li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament, il-konvenut Stefan Cutajar ghandu jigi lliberat mill-harsien tal-gudizzju stante li m'ghandu l-ebda

relazzjoni guridika u ma kien kompartecipi fl-ebda ftehim mal-atturi.

In linea preliminari, il-konvenuti jecepixxu illi r-rikors imressaq mal-attur huwa null stante illi m'hemmx tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni ta' tali talbiet u dana ai termini tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema nuqqas ma jistax jissewwa, tant illi, ad ezempju u fost ohrajn i.) l-atturi qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida d-danni allegatament sofferti minnhom minghajr biss ma spjegat fil-premessi tar-rikors x'inhuma dawn id-danni jew f'hiex jikkonsistu u per konsegwenza l-imsemmija talbiet ghandhom jigu iddikjarati nulli u bla ebda effett ii.) Illi fir-raba' talba l-atturi qeghdin jitolbu arretrati ta' kera meta mill-premessi tar-rikors promutur dan lanqas jirrizulta tant li m'hemmx lanqas riferenza ghall-kera.

Preliminarjament, il-konvenuti jecepixxu n-nullità tar-rikors promotur-attrici ai termini tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi l-atturi permezz tar-rikors promotur taghhom u bi ksur tal-principju kardinali '*electam una via non datum recursus ad alteram*' qeghdin jipprovaw jittentaw jaghmlu zewg azzjonijiet separati u distinti minn xulxin f'kawza wahda, senjatament azzjoni sabiex tigi annullata skrittura minhabba ksur kontrattwali u fl-istess nifs azzjoni in linea ta' danni u liema talbiet huma inkompatibbli ma' xulxin, liema vjolazzjoni ma tistax tissewwa taht l-ebda disposizzjoni ohra tal-ligi.

Preliminarjament ukoll, il-konvenuti jecepixxu illi l-azzjoni hekk kif mressqa mill-atturi hija wahda intempestiva ghall-ahhar stante illi l-atturi lanqas biss indenjaw ruhhom illi qabel ma

jistitwixxu l-proceduri odjerni u jaghmlu zewg mandati lanqas biss interpellaw lill-konvenuti liema konvenuti gjà kienu ghamlu verbalment offerta lill-istess atturi dwar il-vettura in kwistjoni li kienet involuta f'incident stradali.

Fil-mertu, il-konvenuti iwiegbu li huma ma kkagunaw l-ebda danni fil-konfront tal-atturi, anzi huma l-atturi li kkagunaw danni lilhom billi l-attur Alfred Spiteri qabad u ha l-vettura targata LTY 194 tal-marka Mercedes Benz 123 mikrija lill-konvenut Joseph Cutajar u bhalissa din ma tistax tintuza mill-konvenuti u b'hekk il-konvenuti qed jaghmlu wkoll kontro-talba f'dan ir-rigward.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba ta' danni pretiza mill-atturi hekk kif tirrizulta mill-mandat ta' qbid hija wahda astronomika u esagerata.

Il-konvenuti iwiegbu illi huma ma kisrux l-obbligi kontrattwali taghhom u dana hekk kif se jipprovaw fit-trattazzjoni ta din il-kawza.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenuti jwiegbu illi halli l-atturi jirnexxilhom iwaqqghu tali skrittura (dejjem jekk din hija l-azzjoni taghhom) iridu jipprovaw ksur ta' obbligu principali liema ksur ma jezistix.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenuti jecepixxu illi kienu l-atturi stess li l-ewwel ma onorawx il-ftehim in kwistjoni u dana hekk kif se jipprova l-istess konvenuti waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza. Ghalhekk

certament illi ma jistghux l-atturi iressqu azzjoni fuq ksur ta' obbligi kontrattwali da parti tal-konvenuti (‘*inademplenti non est ademplentum*’).

Dwar l-ispejjez, il-konvenuti iwiegbu illi minhabba l-intempestività skjaccanti tal-azzjoni hekk kif imressqa huma m’ghandhom ibatu l-ebda spejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.

Rat il-kontro talba mressqa mill-fuq imsemmija intimati li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Il-konvenuti qed jipprevalixxu ruhhom mill-kawza mressqa mill-atturi halli jressqu din il-kontro-talba taghhom.

Il-konvenut rikonvenzjonat Joseph Cutajar ghamel ftehim ma’ l-atturi-rikonvenzjonati datat 31 ta’ Marzu, 2006 fejn, inter alia, l-atturi krew lil Joseph Cutajar il-vettura targata LTY 194 tal-marka Mercedes Benz 123.

Il-konvenut rikonvenzjonat Stefan Cutajar li kien qed jaghmel uzu minn tali vettura bhala Taxi bi ftehim ma’ Joseph Cutajar kien involut f’incident stradali fil-kors ta’ xogholu.

L-attur rikonvenzjonat Alfred Spiteri qabad u ha l-pussess tal-vettura in kwistjoni u qieghed presenzjalment icahhad lill-atturi-rikonvenzjonanti milli jkomplu jahdmu b’tali vettura u

dana billi l-istess atturi-rikonvenzjonati qed jinjoraw ghal kollox il-ftehim hawn fuq indikat li huma ghandhom ma' Joseph Cutajar.

Il-konvenuti-rikonvenzjonati qed isofru pregudizzju minhabba dan l-agir abbuziv da parti tal-atturi rikonvenzjonati u minhabba l-ksur tal-istess atturi-rikonvenzjonati tal-obbligi assunti minnhom fil-ftehim datat 31 ta' Marzu 2006 konsistenti f'danni li huma jew min minnhom qeghdin isofru billi ma jistghux jahdmu b'tali vettura u per konsegwenza liema danni jikkonsistu f'telf ta' xoghol, introjtu u profitti ghall-istess konvenuti-rikonvenzjonanti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti thoss li hija ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-atturi-rikonvenzjonati huma risponsabbli ghad-danni versu l-konvenuti-rikonvenzjonati u dana stante li huma kisru l-obbligi kontrattwali li huma kellhom versu l-konvenuti-rikonvenzjonati li jinsabu fil-ftehim datat 31 ta' Marzu 2006.

2. Tiddikjara illi l-konvenuti-rikonvenzjonati a kawza ta' dan l-agir da parti tal-atturi rikonvenzjonati dawn soffrew danni.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonati jew min minnhom, anke permezz ta' nomina ta' periti.

4. Tordna lill-atturi rikonvenzjonati jhallsu s-somma hekk illikwidata ai fini tat-tielet talba lill-konvenuti rikonvenzjonati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni pprezentat kontestwalment mal-prezenti u l-atturi-rikonvenzjonati minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Alfred u Reno Spiteri li in forza taghha wiegbu ghall-kontro talba illi:

It-talbiet rikonvenzjonali ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess intimati rikonvenjenti, stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan fid-dawl ta’ dak già spjegat u dikjarat fir-rikors promotur tar-rikorrenti rikonvenuti, senjatament illi effettivament huma l-esponenti li qed isofru danni per konsegwenza tal-agir da parti tal-intimati rikonvenjenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

In forza tal-ftehim datat 30 ta’ Marzu 2006, l-esponenti kkonsenjaw vettura lill-intimat rikonvenjenti Joseph Cutajar ghall-uzu tieghu, u dan ippermetta lill-intimat rikonvenjenti l-iehor jaghmel uzu minnha fejn dan tal-ahhar safà involut f’incident awtomobilistiku li wassal sabiex il-vettura tigi dikjarata *beyond economical repair*, illi ghalhekk kien bl-agir tal-istess intimati rikonvenjenti, jew min minnhom, illi ma setax ikompli jsir uzu minn din il-vettura, u mhux ghax gie spussessat minnha l-intimat rikonvenjenti Joseph Cutajar kif qed jigi allegat fit-talba rikonvenjenti.

Isegwi ghalhekk illi l-esponenti m’ghandhomx jigu dikjarati responsabbli ghal ebda danni, u konsegwentement m’ghandhomx jigu kkundannati jhallsu ebda somma lill-intimati rikonvenjenti in linea ta’ danni.

Semghet xhieda viva voce.

Rat l-affidavit kollha.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha.

Rat is-sottomissjonijiet miktuba li ressqu l-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta' din il-kawza ir-rikorrenti Spiteri qed jitolbu kundanna ghall-hlas ta' danni kkagunati lilhom mill-konvenuti wara incident li kellu Stefan Cutajar b'taxi li kienet mikrija lil Joseph Cutajar minn Alfred Spiteri.

L-intimati, wara li ressqu xi eccezzjonijiet ta' natura preliminari, jsostnu li huma ma kienu jahtu ghal ebda danni. Anzi, kienu l-istess Alfred Spiteri li kkaguna danni lilhom. Infatti, permezz tal-kontro talba taghhom, qed jitolbu, minn naha taghhom kundanna ghal hlas ta' danni minghand Alfred Spiteri.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-30 ta' Marzu 2006 Alfred Spiteri kera lil Joseph Cutajar vettura Mercedes LTY 194, licenzjata bhala taxi bi hlas ta' Lm60 kull sebat ijiem (ara fol. 4). Fost kundizzjonijiet ohra, gie miftiehem illi "*Alfred Spiteri*

*jista' jissostitwixxi din il-karozza Mercedes Benz 123 f'karozza ohra Peugeot 406 bajda, bhala Taxi*" (klawsola 8 tal-istess ftehim).

Jirrizulta illi fis-6 ta' April 2006, cioè xi granet wara l-ftehim, Stefan Cutajar, iben Joseph Cutajar, ukoll konvenut f'din il-kawza, kellu incident bil-vettura bir-rizultat li din giet reza "*beyond economical repair*". Skond l-istess Stefan Cutajar, l-incident sehh meta marret ghajnejh bih waqt li kien qieghed isuq (ara rapport tal-pulizija a fol. 84). Kienu lahqu saru biss zewg pagamenti ta' Lm60. Il-vettura thalliet ghand it-tellar sakemm il-partijiet ippruvaw jilhqu xi ftehim. Meta baqa' ma sar xejn ghal xi gimghat, it-tellar informa lil Alfred Spiteri li ma kienx dispost jibqa' jzomm il-vettura jekk ma jkollux ordni biex tissewwa. Alfred Spiteri kien ghalhekk kostrett li jigborha u jerfaghha f'garage mikri apposta.

L-intimati jibdew billi jsostnu li Stefan Cutajar m'ghandux jibqa' fil-kawza ghaliex ma kienx parti fil-ftehim. Din il-Qorti tqis li r-relazzjoni guridika li jsostnu li hija mankanti tnisslet mill-incident innifsu li sehh meta Stefan Cutajar kien qed isuq il-vettura. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

L-ewwel eccezzjoni preliminari ta' Joseph Cutajar u Stefan Cutajar hija dik ghan-nullità tar-rikors promotur a tenur tal-Art. 156(1)(a) tal-Kap. 12 li jipprovdi ghal:

> *"dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment."*

L-unika raguni migjuba biex issostni din l-eccezzjoni hija li r-rikors ma jfissirx car l-oggett tal-kawza.  Din il-Qorti ma ssibx li f’dan jistghu jinghataw ragun.  Il-premessi u t-talbiet tar-rikors promotur huma bizzejjed cari u precizi u ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.  Qeghda tigi michuda wkoll it-tieni eccezzjoni li l-atturi qed jittentaw jaghmlu zewg kawzi f’wahda.  It-talbiet attrici ma jinkludux talba ghall-annullament tal-iskrittura izda biss talba ghal hlas ta’ kera u danni.  Il-Qorti ma tqis dawn it-talbiet inkompatibbli.  Lanqas ma tqis li hija misthoqqha l-eccezzjoni ta’ intempestività.  Jirrizulta illi l-atturi kkoncedew lill-konvenuti zmien bizzejjed biex jittentaw jaslu ghal ftehim.  Kien biss meta waslet “it-theddida” minghand it-tellar li l-karozza kienet ser tispicca barra fit-triq li l-atturi kienu kostretti jagixxu gudizzjarjament, kif fil-fatt ghamlu.

Dwar il-mertu, jirrizulta mhux kontradett li l-habta li kienet involuta fiha l-vettura grat unikament tort ta’ Stefan Cutajar, il-konvenut iben l-attur l-iehor Joseph Cutajar.  Ir-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva jikkonferma illi “a tempo vergine”: “*Cutajar stated that as he was proceeding along St. Anne Street, Floriana, he dozed on the steering wheel and accidentally hit parked vehicle No. JAD 793 and ended up on the bollards securing the USA Embassy*” (fol. 84).

Minn naha l-ohra Joseph Cutajar bhala l-persuna li f’idejh kienet fdata l-proprjetà ta’ haddiehor kellu kull obbligu li jharisha skond il-ligi.  L-istess ftehim milhuq permezz tal-iskrittura ta’ 30 ta’ Marzu 2006 kien jipprovdi illi:

> *“Joseph Cutajar ghandu juza din il-karozza bhala TAXI skond il-ligi u jirrispondi ghad-danni jekk jonqos minn dan.*

*Il-karozza giet konsenjata mis-sid lill-kerrej li accetta fi stat tajjeb, ghandu jzommha fi stat tajjeb u hekk iroddha lura wara l-kirja."*

Danni

Kawza tal-incident, il-vettura giet reza "*beyond economical repair*". Dan il-fatt ukoll ma giex kontradett. Philip Attard, Surveyor jiccertifika dan (ara fol. 23) u jerga kkonfermah meta ta' xhieda viva voce (fol. 72). George Casha, panel beater jixhed inoltre illi ghalkemm l-istima tieghu kienet li l-vettura kellha bzonn Lm2500 spejjez biex tissewwa, dan ma setax ikun cert ghax setghu johorgu iktar hsarat meta jibda z-zarmar tal-vettura (ara fol. 88).

Ghalkemm il-valur tal-vettura ma jirrizultax mill-provi prodotti, jirrizulta però illi sabiex tigi rimpjazzata b'vettura ohra li tkun idoneja skond ir-regoli vigenti sabiex tintuza bhala taxi, Alfred Spiteri kellu jakkwista vettura ghall-prezz ta' Lm4500 minghand Michael Attard Limited (ara dok. a fol. 191). Christopher Darmanin mill-Awtorità dwar it-Trasport jikkonferma illi "*Hija policy tal-Awtorità illi ma jigux registrati taxis li jkunu eqdem minn 10 snin*." (ara fol. 64).

L-istess Stefan Cutajar jikkonferma illi:

> *"Jiena naf kif tahdem is-sistema tal-ADT biex il-pjanci ta' taxi jigu trasferiti minn karozza ghal ohra. Jiena naf illi biex tigi registrata bhala taxi, karozza ma jridx ikollha izjed minn certu zmien, però dan sakemm ma tkunx ilha registrata hekk, cioè bhala taxi. Karozza privata bilfors trid tkun anqas minn 10 snin u jkollha air-conditioning fiha."*

Inoltre, l-attur Alfred Spiteri rnexxielu jippruvaw illi huwa qieghed ibati ukoll spejjez ghall-hazna tal-vettura fl-ammont ta' Lm200 fis-sena (ara fol. 115). Sa llum ghalhekk din l-ispiza lahhqet ukoll is-somma ta' Lm1500.

L-atturi soffrew ukoll danni fin-nuqqas ta' introjtu li kellhom jippercepixxu mill-uzu tat-taxi. Jirrizulta illi, skond il-ftehim mal-konvenut Cutajar, thallsu biss zewg pagamenti ta' Lm60 'l wiehed. Ghalhekk l-atturi gew li tilfu Lm3000 mill-kera li kienet tithallas lilhom. Inoltre, jirrizulta pruvat illi l-plates tat-taxi setghu jibdew jintuzaw mill-gdid f'Jannar 2008. Ghal dan il-perjodu l-Qorti ser takkorda danni bazati fuq l-istess cifra ta' Lm60 fil-gimgha. L-atturi jsostnu li d-danni ghandhom jigu kalkolati fuq dak li fil-fatt kien jaqla' bit-taxi Stefan Cutajar però l-Qorti ma taqbilx, u dan ghaliex il-vettura mertu ta' din il-kawza hija t-tieni taxi appartenenti lill-attur, li ma jistax fizikament ghalhekk jadoperahom it-tnejn fl-istess hin. Il-qliegh tieghu mit-tieni taxi jista' jigi biss milli jikriha lil terz kif fil-fatt kien ghamel lil Joseph Cutajar. Ghalhekk il-Qorti qed tillikwida l-ammont ta' Lm60 fil-gimgha ghall-perjodu ta' ghaxar snin bejn April 2007 sa Jannar 2008, cioè Lm2400. Komplessivament ghalhekk il-Qorti qed tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm5400.

Kontro-talba

Il-konvenuti f'din il-kawza ressqu wkoll kontro-talba li huma sejjsu fuq allegat ksur ta' obbligi kontrattwali naxxenti mill-ftehim tal-31 ta' Marzu 2006, senjatament fuq il-Klawsola 8 tal-istess ftehim.

F'dan il-kuntest il-Qorti ma tistax taghtihom ragun. Il-fuq citata klawsola ovvjament thalli l-ghazla f'idejn Alfred Spiteri li jixhed li r-raguni ghall-inkluzjoni tal-istess klawsola kienet il-hsieb li kellu li jibdel il-vettura mikrija b'ohra jekk eventwalment isib il-bejgh taghha. Huwa jixhed hekk:

> *"Fost l-affarijiet illi ftehmna dwarhom, ftehmna wkoll illi jekk jien nigi li nbiegh wahda jew l-ohra mill-karozzi rregistrati f'ismi, id-dritt tal-kirja kien idur ghal fuq il-karozza l-ohra, u dan ghal zmien sena mid-data tal-ftehim, skond kif talab hu. Ghalhekk, ghalkemm hu kien qed jiehu l-Mercedes, jekk jien insib il-bejgh taghha fi zmien sena mill-ftehim, hu kellu jcedi dik il-karozza favur min kien qed jixtriha, bil-patt li l-ftehim ikompli bl-istess pattijiet u kundizzjonijiet bil-karozza Peugeot, li kont qed nuza jien."*

Dan ma giex kontradett u ghalhekk tibqa' t-tifsira cara li Alfred Spiteri kellu l-ghazla u ma tistax tigi interpretata bhala obbligu fuqu li jipprovdi vettura ohra taht kull cirkostanza.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza AX Construction Ltd vs Tony Mallia Bonello (10 ta'Ottubru 2005):

*"Dan il-principju huwa bazat fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tieghu di fronte ghall-kontraent l-iehor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni,meta huwa stess isib ruhu l-istess kondizzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. Barra minn dan hemm il-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma' ohra."*

Kien l-istess konvenut Cutajar li naqas mill-obbligu tieghu li jiehu hsieb l-oggett lilu mikri kif suppost u ghaldaqstant issa m'ghandux il-jedd jesigi l-parti l-ohra izomm mal-istess obbligi tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba ghaliex mhux misthoqqa.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi t-talba billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti; tilqa' t-talbiet tal-atturi u tiddikjara li l-intimati Joseph u Stefan Cutajar huma responsabbli ghall-hsarat li garrbet il-vettura Mercedes dak iz-zmien bir-registrazzjoni LTY 194; tiddikjara illi Joseph Cutajar mhuwiex qieghed josserva l-ftehim tat-30 ta' Marzu 2006 dwar hlas ta' kera; tillikwida d-danni fl-ammont ta' €19,572 (dsatax-il elf hames mija u tnejn u sebghin Ewro) ekwivalenti ghal Lm8400 (tmint'elef u erba' mitt Liri Maltin); tillikwida l-kera dovuta fl-ammont ta' €6990 (sitt elef disa' mija u disghin Ewro) ekwivalenti ghal Lm3000 (tlett elf Liri Maltin); tikkundanna lil Joseph Cutajar u Stefan Cutajar flimkien ihallsu lil Alfred Spiteri u Rena Spiteri is-somma komplessiva ta' €26,562 (sitta u ghoxrin elf hames mija u tnejn u sittin Ewro) ekwivalenti ghal

Lm11,400 (hdax-il elf u erba mitt Liri Maltin) bl-ispejjez u imghax kif mitluba fir-rikors promotur.

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kontro talba billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ Alfred u Rena Spiteri, tichad it-talbiet ta’ Joseph u Stefan Cutajar.

L-ispejjez tal-kawza kollha jithallsu minn Joseph Cutajar u Stefan Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------